## Ġurisdizzjoni - Belġju

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna fr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

LISTA TAL- KONTENUT


- 1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?
- 2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?
  - 2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?
  - 2.2 Ġuriżdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)
    - 2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdizzjoni territorjali
    - 2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika
      - 2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?
      - 2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?
      - 2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?
- 3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?


### 1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Mhux applikabbli

### 2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f' liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

#### 2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Introduzzjoni

Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema ġudizzjarja Belġjana, irridu nittrattaw il-mistoqsijiet 1 u 2.1 flimkien għall-finijiet ta' ċarezza.

L-ewwel għandha ssir distinzjoni bejn il-ġuriżdizzjoni sovrana (xi drabi msejħa wkoll ġuriżdizzjoni materjali) u l-ġuriżdizzjoni territorjali.

Kull pretensjoni jkollha oġġett u ħafna drabi jkollha wkoll valur monetarju. Il-leġiżlatur jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-ġuriżdizzjoni sovrana billi jispeċifika n-natura u l-valur tal-pretensjonijiet li jistgħu jitressqu quddiem il-qorti.

Il-ġuriżdizzjoni sovrana hija deskritta f'dan il-pakkett informattiv fit-tweġiba għall-mistoqsijiet 1 u 2.1.

Il-qrati mhumiex kompetenti għall-ġuriżdizzjoni territorjali kollha tal-Belġju. Il-liġi qasmet lill-pajjiżna f'ġuriżdizzjonijiet territorjali (sottodistretti, distretti, eċċ.). Kull qorti hija kompetenti għat-territorju tagħha biss. Din tissejjaħ il-ġuriżdizzjoni territorjali u hija deskritta fit-tweġiba għall-mistoqsija 2.2.

Ġuriżdizzjoni sħiħa: il-Qorti tal-Prim'Istanza (rechtbank van eerste aanleg).

Il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha l-hekk imsejħa "ġuriżdizzjoni sħiħa". Dan ifisser li l-Qorti tal-Prim'Istanza, b'kuntrast mal-qrati l-oħrajn, tista' tisma' l-kawżi kollha, inklużi dawk li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' qrati oħrajn.

It-Taqsima 568 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (Gerechtelijk Wetboek) tistipula li l-Qorti tal-Prim'Istanza tisma' l-pretensjonijiet kollha, minbarra dawk li jitressqu direttament quddiem il-qorti tal-appell u l-Qorti tal-Kassazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha ġuriżdizzjoni sħiħa kondizzjonali. Il-ġuriżdizzjoni sħiħa tkun kondizzjonali sakemm il-konvenut jista' jinvoka n-nuqqas ta' ġuriżdizzjoni abbażi tal-ġuriżdizzjoni partikolari ta' qorti oħra. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha wkoll għadd ta' kompetenzi esklussivi. Diversi tipi ta' tilwimiet jistgħu jitressqu quddiem din il-qorti, anke meta l-valur tal-pretensjoni jkun ta' anqas minn EUR 2 500, bħal pereżempju, pretensjonijiet relatati mal-istatus personali.

Il-qrati l-oħra.

Hawn taħt għandek issib lista tal-qrati l-oħra, flimkien ma' deskrizzjoni qasira tal-ġuriżdizzjoni sovrana tagħhom.

a) Il-Kummissarju tal-Ġustizzja (Vrederechter)

Skont it-Taqsima 590 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-ġuriżdizzjoni ġenerali tal-kummissarju tal-ġustizzja tinkludi l-pretensjonijiet kollha ta' valur anqas minn EUR 2 500, minbarra dawk li jkunu ġew speċifikament assenjati lil xi qorti oħra. Apparti din il-ġuriżdizzjoni ġenerali, il-kummissarju tal-ġustizzja jiġi assenjat ukoll għadd ta' setgħat speċjali (ara t-Taqsimiet 591, 593 u 594 tal-Kodiċi Ġudizzjarju) u ta' setgħat esklussivi (it-Taqsimiet 595 u 597 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), irrispettivament mill-ammont tal-pretensjoni. Dawn is-setgħat speċjali jintużaw pereżempju f'tilwimiet marbuta mal-lokazzjoni, is-sjieda konġunta, is-servitù u l-ħlas tal-manteniment. Il-kummissarju tal-ġustizzja huwa kompetenti wkoll fit-tfassil taċ-ċertifikati tal-adozzjoni u tal-affidavits. L-esproprjazzjonijiet urġenti u t-tqegħid ta' siġilli jiffurmaw parti wkoll mis-setgħat esklussivi tal-kummissarju tal-ġustizzja.

b) It-Tribunal tal-Pulizija (Politierechtbank)

Skont it-Taqsima 601a tal-Kodiċi Ġudizzjarju, it-tribunal tal-pulizija jisma' l-pretensjonijiet kollha għall-kumpens li jirriżultaw minn xi aċċident tat-traffiku, ikun xi jkun l-ammont. Dan jikkostitwixxi setgħa esklussiva.

c) Il-Qorti tal-Kummerċ (Rechtbank van koophandel)

Skont it-Taqsima 573 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-Qorti tal-Kummerċ primarjament tisma' t-tilwim bejn il-kummerċjanti relatati ma' atti li f'għajnejn il-liġi jikkostitwixxu atti ta' kummerċ u li ma jaqgħux taħt il-ġuriżdizzjoni ġenerali tal-kummissarju tal-ġustizzja jew taħt il-kompetenza tat-tribunali tal-pulizija.

Nonkummerċjant tas-suq li jagħti bidu għall-proċedimenti kontra kummerċjant ikollu wkoll l-alternattiva li jagħżel li l-kawża titressaq quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, iżda kummerċjant ma jistax jagħti bidu għall-proċedimenti kontra nonkummerċjant quddiem il-Qorti tal-Kummerċ. Il-Qorti tal-Kummerċ tisma' wkoll tilwim relatat ma' kambjali u ma' ċedoli fejn l-ammont tal-pretensjoni jkun ta' aktar minn EUR 2 500.

Apparti dawn is-setgħat ġenerali, il-Qorti tal-Kummerċ tħaddan ukoll għadd ta' setgħat speċjali u esklussivi. Is-setgħat speċjali huma elenkati fit-Taqsima 574 tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, it-tilwim li jirrigwarda kumpaniji kummerċjali u pretensjonijiet relatati mat-tbaħħir marittimu u mat-tbaħħir fl-ilmijiet interni. It-Taqsima 574(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju tiddeskrivi l-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-Qorti tal-Kummerċ: il-pretensjonijiet u t-tilwim li jirriżultaw direttament minn fallimenti u minn proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Fallimenti tat-8 ta' Awwissu 1997 u l-liġi tal-31 ta' Jannar 2009 dwar il-kontinwità tan-negozji, u li għalihom t-tagħrif għas-soluzzjoni jinstab fil-liġi straordinarja applikabbli għas-sistema tal-fallimenti u l-proċedimenti tar-riorganizzazzjoni ġudizzjarja.

d) It-Tribunal Industrijali (Arbeidsrechtbank)

It-Tribunal Industrijali huwa l-qorti straordinarja ewlenija u għandu setgħat speċjali predominanti. Dawn is-setgħat huma deskritti fit-Taqsimiet 578 *et seq.* tal-Kodiċi Ġudizzjarju:

- tilwim relatat mal-impjieg
- tilwim relatat ma' aċċidenti waqt ix-xogħol u mard okkupazzjonali
- tilwim relatat mas-sigurtà soċjali

It-Tribunal Industrijali għandu ġuriżdizzjoni esklussiva f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi determinati fil-liġijiet u r-regolamenti msemmija fit-Taqsimiet 578 sa 582 u fil-liġi relatata ma' multi amministrattivi f'każ ta' ksur ta' xi liġijiet soċjali kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet relatati ma' skemi tal-immaniġġjar tad-dejn.

e) L-imħallfin li jippresjiedu fil-qrati – proċedimenti interlokutorji

It-Taqsimiet 584 sa 589 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jistipulaw li l-imħallfin li jippresjiedu fil-qrati (il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Qorti tal-Kummerċ u t-Tribunal Industrijali) huma kompetenti biex, fil-każijiet urġenti kollha, jieħdu deċiżjonijiet provviżorji fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tagħhom. Dan jista' jiġri diment il-każijiet ikunu tabilħaqq urġenti u d-deċiżjoni tkun ta' natura esklussivament provviżorja, mingħajr preġudizzju għall-każ innifsu. Xi eżempji huma: l-ordni ta' investigazzjoni esperta, l-ordni ta' smigħ ta' xi xhud eċċ.

f) Il-Qorti li tittratta s-sekwestri (Beslagrechter) (ara t-Taqsima 1395 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Il-pretensjonijiet kollha li jirrigwardaw is-sekwestri ta' qabel is-sentenza, il-mezzi ta' infurzar u l-interventi tal-Uffiċċju għat-talbiet għal manteniment, hekk kif imsemmi fil-liġi tal-21 ta' Frar 2003 li waqqfet l-Uffiċċju għat-talbiet għal manteniment fil-qafas tas-Servizz Pubbliku Federali (FPS) tal-Finanzi, jitressqu quddiem il-Qorti li tittratta s-sekwestri.

g) Il-Qorti tal-Minorenni (Jeugdrechter)

Minkejja li l-Komunitajiet (jiġifieri l-Istati Membri tal-Federazzjoni Belġjana) huma kompetenti fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni, l-organizzazzjoni tal-qrati tal-minorenni għadha tikkostitwixxi kompetenza federali li tiġi rregolata mill-Att dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażagħ (Federale Wet betreffende de Wet op de Jeugdscherming) tat-8 ta' April 1965. Il-Qorti tal-Minorenni hija taqsima tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li tiffoka fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-minorenni. Il-Qorti tal-Minorenni hija wkoll kompetenti biex tisma' xi kwistjonijiet ċivili bħalma huma l-approvazzjoni ta' adozzjonijiet, tilwim bejn il-ġenituri dwar l-eżerċitar tar-responsabbiltà tal-ġenituri u d-drittijiet tal-ġenituri li jaraw lit-tfal tagħhom, eċċ.

#### 2.2 Ġuriżdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

##### 2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdizzjoni territorjali

Is-sistema ġudizzjarja Belġjana tissejjes fuq il-prinċipju tal-libertà tal-għażla tar-rikorrent. Ir-regola ġenerali hija stabbilita fit-Taqsima 624(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Normalment ir-rikorrent iressaq il-każ quddiem il-qorti li tkun tinsab fil-post ta' residenza tal-konvenut jew fil-post ta' residenza ta' wieħed mill-konvenuti.

X'jiġri jekk dan il-konvenut ikun entità ġuridika? Il-post tar-residenza ta' entità ġuridika huwa l-post fejn ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu, jiġifieri s-sede amministrattiva minn fejn titmexxa l-kumpanija.

##### 2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

Test ewlieni (allinjat lejn in-naħa tax-xellug)

Jekk jogħġbok niżżel it-tweġiba hawnhekk. Tibdilx l-istil u d-daqs tat-tipa.

###### *2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?*

F'ċerti każijiet, ir-rikorrent ikollu l-għażla li jagħti bidu għall-proċedimenti quddiem qorti differenti. Din il-possibbiltà hija deskritta, fost l-oħrajn, fit-Taqsima 624(2) sa (4) tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Apparti l-qorti tal-post tar-residenza tal-konvenut jew tal-post tar-residenza ta' wieħed mill-konvenuti, ir-rikorrent jista' jagħżel:

- il-qorti tal-post minn fejn nibtu l-obbligi (jew obbligu wieħed minnhom) li jkunu s-suġġetti tat-tilwima, jew fejn dawn jiġu eżegwiti, ġew eżegwiti jew kellhom jiġu eżegwiti;
- il-qorti fil-post tar-residenza magħżul għall-implimentazzjoni tal-mozzjoni;
- il-qorti fil-post tar-residenza fejn il-bailiff tal-qorti jkun tkellem mal-konvenut wiċċ imb'wiċċ, jekk il-konvenut jew, fejn xieraq, wieħed mill-konvenuti, ma jkollux residenza fil-Belġju jew barra mill-pajjiż.

Is-sistema ġuridika tassumi wkoll li, fi kwistjonijiet interlokutorji, l-imħallef li jippresjiedi fil-post fejn trid tiġi infurzata s-sentenza, ikollu ġuriżdizzjoni territorjali.

Fir-rigward tal-manteniment, it-Taqsima 626 tal-Kodiċi Ġudizzjarju tistipula li l-pretensjonijiet relatati mal-manteniment, kif imsemmi fit-Taqsima 591(7), jistgħu jitressqu quddiem il-qorti tal-post tar-residenza tal-konvenut (jiġifieri l-ġenitur li jkun intitolat għall-ħlas tal-manteniment).

Madankollu, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 624 u 626 huma ta' natura supplimentari u l-partijiet jistgħu jidderogaw minnhom. Għaldaqstant, għal kwalunkwe tilwima, il-partijiet jistgħu jaslu għal ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni, li bis-saħħa tiegħu tilwima eventwali tkun tista' titressaq biss quddiem ċerti qrati tal-prim'istanza.

Madankollu, hemm xi eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju bażiku ta' libertà tal-għażla.

Pereżempju, il-leġiżlatur jistabbilixxi għadd ta' każijiet fejn ir-rikorrent ma jkollux għażla. Dawn il-każijiet huma elenkati b'mod speċifiku fit-Taqsimiet 627 sa 629 tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Xi ftit eżempji huma:

- F'tilwim relatat ma' kuntratti ta' impjieg (it-Taqsima 627(9)): il-qorti kompetenti hija l-qorti tal-post fejn ikun/tkun jinsab/tinsab il-minjiera, il-fabbrika, il-post tax-xogħol, il-maħżen, l-uffiċċju, u b'mod ġenerali, il-post li jkun intiż għall-operat tal-kumpanija, għall-eżerċitar tal-professjoni jew għall-attività tas-sħubija, l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni.
- F'dak li jirrigwarda applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni ġudizzjarja abbażi ta' ċerti fatti, jew ta' applikazzjoni biex separazzjoni ġudizzjarja tinbidel f'divorzju (it-Taqsima 628(1)): il-qorti kompetenti hija dik tal-post fejn tkun tinsab l-aħħar residenza konjugali jew fejn ikun hemm ir-residenza tal-konvenut.

Madankollu, anke f'dawn il-każijiet, il-libertà tal-għażla mhijiex kompletament limitata. Wara kollox, it-Taqsima 630 tal-Kodiċi Ġudizzjarju tistipula li, ladarba tkun inqalet tilwima, il-partijiet jistgħu jidderogaw mir-regolamenti statutorji permezz ta' ftehim. Madankollu, kwalunkwe tip ta' ftehim li jkun sar qabel ma tinqala' t-tilwima, bil-liġi jitqies bħala null u bla effett.

#### ***2.2.2.2*** *Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?*

F'ċerti każijiet, deskritti fid-dettall fit-Taqsimiet 631 sa 633 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, qorti waħda biss għandha ġuriżdizzjoni territorjali esklussiva. Għalhekk, ir-rikorrent ma jkollux għażla, u ma jkunx jista' jikkonkludi ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni, la qabel ma tinqala' t-tilwima u lanqas wara. Dawn il-każijiet jinkludu:

- Fallimenti (it-Taqsima 631(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju): il-Qorti tal-Kummerċ kompetenti hija dik li tkun tinsab fil-ġuriżdizzjoni territorjali fejn il-kummerċjant ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu jew, f'każ li jkun hemm entità ġuridika involuta, fejn ikun jinsab l-uffiċċju rreġistrat tagħha, fid-data meta jkun ġie ddikjarat il-falliment jew fid-data meta tkun tressqet il-pretensjoni. Arranġamenti mal-kredituri: il-Qorti tal-Kummerċ kompetenti hija dik li tkun tinsab fil-ġuriżdizzjoni territorjali fejn il-persuna falluta jkollha l-post tal-kummerċ ikkonċernat. F'każ li jkun hemm aktar minn post tal-kummerċ wieħed, il-qorti kompetenti tkun dik fejn tkun tressqet l-applikazzjoni l-ewwel.
- Riorganizzazzjoni ġudizzjarja (it-Taqsima 631(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju): il-Qorti tal-Kummerċ kompetenti hija dik li tkun tinsab fil-ġuriżdizzjoni territorjali fejn id-debitur ikollu s-sede prinċipali tiegħu, jew f'każ li jkun hemm entità ġuridika involuta, fejn ikun jinsab l-uffiċċju rreġistrat tagħha, fid-data meta tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni.
- It-tilwim relatat mal-applikazzjoni tal-Liġi tat-Taxxa (it-Taqsima 632): il-qorti kompetenti hija dik li tkun fis-sede tal-Qorti tal-Appell li fil-ġuriżdizzjoni territorjali tagħha jkun hemm l-uffiċċju minn fejn tinġabar jew tkun trid tinġabar it-taxxa jew, f'każ li t-tilwima ma tkunx tirrigwarda l-ġbir tat-taxxa, dik li fil-ġuriżdizzjoni tagħha tkun stabbilita l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana li tkun ħadet id-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, meta l-proċedimenti jsiru bil-Ġermaniż, il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Eupen biss ikollha l-ġuriżdizzjoni.
- Pretensjonijiet relatati ma' sekwestri ta' qabel is-sentenza u mezzi ta' infurzar (it-Taqsima 633): il-qorti kompetenti hija dik li tkun tinsab fil-post tas-sekwestru, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi. Fil-każ ta' sekwestri ta' partijiet terzi, il-qorti kompetenti tkun dik fil-post tar-residenza tad-debitur issekwestrat. Meta l-post tar-residenza tad-debitur ssekwestrat ikun jinsab barra mill-pajjiż, jew ma jkunx magħruf, il-qorti kompetenti tkun dik fil-post fejn jitwettaq is-sekwestru (Ara wkoll: l-Artikolu 22(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali).

#### ***2.2.2.3*** *Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?*

Kif diġà ntqal aktar 'il fuq, ir-regolamenti tat-Taqsimiet 624 u 626 huma supplimentari fin-natura tagħhom, u għalhekk il-partijiet jistgħu jidderogaw minnhom. Għal kwalunkwe tilwima, il-partijiet jistgħu jaslu għal ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni, li bis-saħħa tiegħu tilwima eventwali tkun tista' titressaq biss quddiem ċerti qrati tal-prim'istanza.

Fil-każijiet imsemmija fit-Taqsimiet 627 sa 629 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, ma jista' jsir l-ebda ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni qabel ma tinqala' t-tilwima. Madankollu, skont it-Taqsima 630 ftehimiet ta' dan it-tip jistgħu jsiru wara li tkun inqalgħet it-tilwima.

Fil-każijiet deskritti fit-Taqsimiet 631 sa 633 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, mhu permess li jsir l-ebda ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni.

**3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?**

It-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab fit-tweġiba għall-mistoqsijiet 1 u 2.

**Ħolqiet**

It-Taqsimiet rilevanti tal-Kodiċi Ġudizzjarju: Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja

- Agħfas fuq "Leġiżlazzjoni kkonsolidata"
- Mill-intestatura "Natura ġuridika", agħżel "Kodiċi Ġudizzjarju"
- Taħt l-intestatura "Kliem", daħħal iċ-ċifri: "624"
- Agħfas fuq "Fittex"
- Agħfas fuq "Lista"

* agħfas fuq "Il-Ġustizzja, minn A sa Ż"

* agħżel "Qrati: ġuriżdizzjoni"

Għajnuna biex issib il-qorti b'ġuriżdizzjoni territorjali: Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja

- Agħfas fuq "Ġuriżdizzjoni Territorjali"

---

**Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.**

L-aħħar aġġornament: 06/11/2015